

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2023 – UG vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-571/17 RENV) <sup>(1)</sup>

*(“Servizz pubbliku – Membri tal-persunal bil-kuntratt – Kuntratt għal żmien indeterminat – Xoljiment tal-kuntratt – Artikolu 47(c)(i) tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg – Inkompetenza professjonali – Kondotta fis-servizz u attitudni fuq ix-xogħol mhux kompatibbli mal-interess tas-servizz – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għal smigħ – Dritt għal-leave parentali – Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal – Applikazzjoni għall-uffiċjali u għall-membri tal-persunal tal-Unjoni tar-rekwiżiti minimi tad-Direttivi 2010/18/UE u 2002/14/KE – Artikoli 27, 30 u 33 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema – Artikolu 24b tar-Regolamenti tal-Persunal – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Protezzjoni fil-każ ta' tkeċċija inġusta – Kontestazzjoni b'mod inċidentali ta' atti definittivi – Inammissibbiltà – Prinċipju ta' proporzjonalità – Użu ħażin ta' poter – Responsabbiltà”)*

(2023/C 271/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: UG (rappreżentant: M. Richard, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: L. Radu Bouyon, aġent)

#### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrenti titlob, essenzjalment, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea xoljiet il-kuntratt tagħha bħala membru tal-persunal bil-kuntratt, u min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-danni materjali u morali li hija tallega li sostniet minħabba din id-deċiżjoni.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) UG u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom fil-kawża rreġistrati bin-numri T-571/17 u C-249/20 P.
- 3) Fil-kawża rreġistrata bin-numru T-571/17 RENV, UG għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha u terz mill-ispejjeż tal-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 357, 23.10.2017.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2023 – Stone Brewing vs EUIPO – Molson Coors Brewing Company (UK) (STONE BREWING)

(Kawża T-200/20) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea STONE BREWING – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea preċedenti STONES – Raġuni relattiva għal rifjut – Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)*

(2023/C 271/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: Stone Brewing Co. LLC (Escondido, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Kloth, R. Briske u D. Ħabel, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Molson Coors Brewing Company (UK) Ltd (Burton Upon Trent, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: G. Orchison, solicitor, u J. Abrahams, KC)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-31 ta' Jannar 2020 (Każ R 1524/2018-4).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Stone Brewing Co. LLC għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti minn Molson Coors Brewing Company (UK) Ltd.
- 3) L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbat l-ispejjeż tiegħu.

(<sup>1</sup>) ĠU C 201, 15.6.2020.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2023 – Polwax vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-585/20) (<sup>1</sup>)

*(Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Suq upstream tax-xama' slack – Suq downstream tax-xama' tal-paraffina – Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE – Assenza ta' impenn dwar il-provvista tax-xama' slack – Effetti vertikali – Esklużjoni mis-suq tal-input)*

(2023/C 271/33)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Partijiet

*Rikorrent:* Polwax S.A. (Jasło, il-Polonja) (rappreżentanti: E. Nessmann u G. Duda, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Khan, G. Meessen u J. Szczodrowski, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-kovenut:* Polski Koncern Naftowy Orlen S.A. (Płock, il-Polonja) (rappreżentant: M. Mataczyński, avukat)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Polwax S.A., titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2020 (Każ M.9014), adottata abbażi tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40), li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea ddikjarat kompatibbli mas-suq intern u mal-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), konċentrazzjoni bejn Polski Koncern Naftowy Orlen S.A. (iktar 'il quddiem "Orlen") u Grupa Lotos S.A., bla ħsara għall-osservanza ta' ċerti impenji minn Orlen.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Polwax S.A. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 399, 23.11.2020.